MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' April, 2006

Numru 461/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Marion Bonello**
**Spettur Angelo Caruana**

**V**

**JONATHAN CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JONATHAN CAUCHI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Anthony u Carmen nee Pace, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 1982 u residenti 37, 'Prince Charles', Triq Santa Monika, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 398782M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'Tal Pieta, nhar t-tlettax ta' Gunju 2004 ghal habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, bil-hsieb li

jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni ta-dellitt, u cioe voluntarjament ta n-nar lid-dar t'abitazzjoni meta hemm gew kien hemm persuna fil-waqt tal-hruq u ebda persuna ma tilfet hajjitha izda huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccidix il-hamsin lira maltin;

3. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Toyota b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perkoluz;

4. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' awtorita jew ta' persuni li kienu nkarigati minn servizz pubbliku u cioe PC 1273 u PC 1293 jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jghamlu d-dmirijiet taghhom;

5. Talli sar recidiv billi wara li gie kkundannat ghal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, huwa ghamel reat iehor.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta ta' Marzu 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-disga ta' Mejju 2006 [fol 149].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2005 [fol 173] u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena il-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatti:

1. Li l-imputat ghandu impjieg fiss u regolari ma Zarb Coaches u ilu fih ghal dawn l-ahhar tlett xhur;
2. Li l-imputat jinsab f'relazzjoni li twassal ghaz-zwieg u li ghandu tewmin mill-mara li bi hsiebu jizzewweg;
3. Li kif jirrizulta mill-provi sar rikonciljament shih w ampju mal-vittma tal-aggressjoni tant li saru hbieb daqs qabel u l-istess vittma xtaq jahfer lil imputat t'ghemilu tant li xtaq li jitwaqqfu l-proceduri odjerni;
4. Li l-fedina penali tal-imputat hija wahda tajba salv ghal reat ta' portata zghira dwar suffarelli f'festa;
5. Li meta sehh l-incident in dezamina l-imputat kellu biss ghoxrin sena u ma kienx premeditat izda zbroffa f'daghdija ta' mument;
6. Li l-imputat jiddispjacih genwinament ghal incident u lest li jissottometti ruhu ghal kull ordni ta' probation;
7. Li l-imputat jirregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu;
8. Illi f'dan l-incident ma weggha had u fil-fatt fil-hin tal-incident ma kien hemm hadd fir-residenza;
9. Illi missier l-imputat stess ghen lil Prosekuzzjoni fit-twaqqif ta'dan r-reat.

Illi minhabba dawn c-cirkostanzi fuq elenkati, l-Qorti ma hiex tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja u hija

projbita milli tapplika sentenza ta' prigunerija sospiza stante li l-imputat huwa recidiv.

Fic-cirkostanzi odjerni, ghalkemm thoss li jesiztu cirkostanzi specjali u straordinarji skond l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux ser timponi piena karcerarja.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 316(a)(b), 325(a), 338(ee), 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 15 u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat JONATHAN CAUCHI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed taghtih l-fakulta jhallas il-multa inflitta llum b'din is-sentenza f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin, bl-ewwel pagament ikun dovut fl-ghaxra ta' April 2006 u f'kaz li l-imputat jonqos li jaghmel imqar pagament wiehed, il-bilanc ghandu jigi konvertit f'perjodu ta' prigunerija minnufih.

**Il-Qorti qieghda tpoggi lil hati wkoll taht Ordni ta' Probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzomm 'l boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Li l-imputat probationer Jonathan Cauchi ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer Jonathan Cauchi ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-**

**istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment hu ghandu, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi l-imputat probationer Jonathan Cauchi ghandu jghix fir-residenza tieghu tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputat probationer Jonathan Cauchi ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat probationer u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat probationer iddikjara li fehem ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan, b'dan li tattira l-attenzjoni tal-istess Direttur li fil-mori tal-kawza, kienet giet nominata s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji social inquiry report dwar l-istess imputat odjern.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------